# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 22 ta' Awwissu, 2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ritienne Gauci )**
**vs**
**Ihor Cardaci**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra Ihor Cardaci ta' 31 sena, iben Salvatore u Maria Rita nee Algera , mwieled gewwa l-Ukrajna nhar it-18 ta' Jannar 1991, minghajr residenza fissa u detentur ta' karta tal-identita bin-numru 238682(A)

Akkuzat talli nhar d-19 ta'Awwissu 2022 ghal-habta bejn l-4:45 u 5:30 ta' filghaxija, min-gewwa l-knisja ta' Santa Tereza, Triq il-Wied, Birkirkara:

1. Ikkommetta serq ta' flus kontanti li kienu mizmuma gewwa kaxxa tad-donazzjonijiet, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur ta' oggetti misruqa li ma jeccedix is-somma ta' elf u tlett mija u disa u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-mezz u bil-lok ghad dannu tal-knisja ta' Santa Terezau/ jew persuni ohra.

2. Volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor ghad-dannu tal-knisja ta' Santa Tereza u / jew persuni ohra, liema hsara teccedi aktar minn minn mitejn u hamsin euro (€250) izda mhux aktar minn elfejn u hames mitt euro (€2,500).

Il-Qorti giet mitluba li f'każ ta' ħtija tordna lil ħati jhallas d-danni ati termini ta' artikolu 532A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,u ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x' jaqsmu mal-hatra tal-esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammmissjoni anke wara li l-Qortiu taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, u min-naha l-ohra l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fedina penali netta ta'l-imputat.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti wara li rat l-artikoli 261(b)(c)(e), 264(1), 267, 269(a) u 325(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah sittax (16) il-xahar prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospieza ghal perjodu ta' tlett (3) snin.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u bil-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tlett snin.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**